MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2012

Avviz Numru. 248/2012

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1890/2012MM fl-ismijiet:**
**Horace (K.I. Nru 331582M) u Roseanne (K.I. Nru. 533086M), konjugi Scicluna**

**Vs**

**Silvio Zahra (K.I. Nru 305574M) u Wendy Conti (K.I. Nru 159172M).**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors in ezami li bih ir-rikorrenti, wara li ppremettew illi:

Illi permezz ta' rikors intavolat fit-12 ta' Lulju 2012, r-rikorrenti, Horace u Roseanne konjugi Scicluna, talbu l-hrug ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront ta' l-esponenti ghas-somma ta' tlett elef Euro (€ 3,000) allegatament

rapprezentanti bilanc dovut skond skrittura privata hemm annessa;

Illi din l-Onorabbli Qorti akkordat din it-talba fit-13 ta’ Lulju, 2012;

Illi jigi rilevat illi l-esponenti, Wendy Conti, hija ntitolata ghall-pensjoni tar-romol fl-ammont ta’ erba’ mija u tmenin Euro (€ 480) fix xahar ai termini tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi meta l-esponenti, Wendy Conti, marret f’wahda mill-ferghat tal-Bank of Valletta, specifikament dik tal-Fgura, sabiex tigbed xi flus rapprezentanti l-pensjoni hawn imsemmija, liema pensjoni kienet giet iddepozitata mill-Gvern ftit jiem qabel, hija giet infurmata illi kien sar mandat ta’ sekwestru fil-konfront taghha u ghaldaqstant dawn il-flus kienu gew sekwestrati;

Illi jigi umilment sottomess illi l-esponenti Wendy Conti, ghandha tlett (3) itfal, u ma tahdimx;

Illi jigi sottomess ukoll illi l-beneficcju tar-romol huwa l-uniku introjtu tal-esponenti, Wendy Conti, u minghajr dan, hija m’ghandiex biex tghix u tiehu hsieb it-tfal taghha;

Illi in oltre jigi rilevat illi ai termini tal-Artikolu 381(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma’ jistax jinhareg mandat ta’ sekwestru fuq inter alia pensjonijiet;

Illi f’okkazzjoni ohra, l-esponenti Silvio Zahra mar sabiex jigbed mill-istess fergha tal-Bank imsemmi, l-paga tieghu ammontanti ghal erba’ mija hamsa u sebghin ewro (€ 475) kull hmistax, u cioe’ disa’ mija u hamsin ewro (€950) fix-xahar. Illi ghal darba ohra, l-Bank infurmah illi dawn il-flus gew issekwestrati permezz tal-mandat hawn premess;

Illi f’dan ir-rigward jigi sottomess bir-rispett illi ai termini tal-imsemmi Artikolu 381(1)(a) u l-Artikolu 382 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, mandat ta’ sekwestru ma jistax jinhareg fuq paga hlief fir-rigward ta’ l-ammont li jeccedi s-sitt mija u tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin centezmu (€

698.81). Percio’ effettivament, l-ammont sekwestrabbli mill-paga tal-esponenti, Silvio Zahra, huwa dak ta’ mitejn u wiehed u hamsin ewro u dsatax-il centezmu (€251.19) biss;

Illi ghalhekk, in vista tas-suespost, l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju odjern jisthoqqlu li jigi revokat limitatament fir-rigward tal-pensjoni tar-romol msemmija tal-esponenti Wendy Conti u, fir-rigward tal-paga tal-esponenti, Silvio Zahra, fl-ammont tas-somma ta’ sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€ 698.81);

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka a *contrario imperio* d-digriet taghha tat-13 ta’ Lulju 2012, u l-effetti tieghu, limitatament fejn dan jirrigwarda (i) l-pensjoni tar-romol ghal liema Wendy Conti hija ntitolata ai termini tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan sabiex hija flimkien ma’ uliedha jkollhom biex jghixu, u, (ii) l-paga ta’ Silvio Zahra fl-ammont ta’ sitt mija u tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin centezmu (€ 698.81), ai termini tal-Artikoli 381(1)(a), u 382 tal-Kap 12. tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan ai termini ta’ dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma necessarju u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat id-digriet taghha preliminari moghti fl-24 ta’ Lulju, 2012 a fol 3 ibid.

Rat ir-Risposta tal-intimati (fol 6 et seq ibid) u li biha esponew bir-rispett:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda ghar-ragunijiet li ser jinghataw f’din ir-risposta:

1. Illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju l-esponenti jirrilevaw illi r-rikorrenti Silvio Zahra u Wendy Conti setghu evitaw illi ssehh is-sitwazzjoni odjerna billi setghu facilment taw struzzjonijiet lid-dipartiment li johrog il-pensjoni (fil-kaz ta’ Wendy Conti) u lill-employer (fil-kaz ta’ Silvio Zahra) a bazi ta’ liema struzzjonijiet id-dipartiment kien jaghti lir-rikorrenti Wendy Conti il-pensjoni permezz

ta’ cekk u fil-kaz ta’ Silvio Zahra l-employer tieghu kien jaghtih l-ammont ta’ s-sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) permezz ta’ cekk u l-kumplament jigi depozitat il-Qorti.

Illi milli jidher ir-rikorrenti naqqsu milli jaghmlu dan a skapitu taghhom stess. Sigurament ghal dan in-nuqqas ma ghandhomx ibaghtu l-esponenti;

2. Illi in kwantu saret referenza ghall-artikolu 381 (1) u 382 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, jigi rrilevat is-segwenti:

L-artikolu 381(1)(a) u (b) jiddetta:

**381,** (1) *Ma jistghux jinhargu mandati ta’ sekwestru fuq –*
(a) *salarju jew paga (maghdudin il-bonus, allowances, overtime u hlasijiet ohra);*
(b) *beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurta’ Socjali jew pensjoni jew allowance ohra ta’ persuna li tinhargilha pensjoni minghand il-Gvern;*

Illi dan l-artikolu huwa ta’ natura eccezzjonali u fil-kaz ta’ pagi huwa ikkwalifikat bl-artikolu 382 tal-Kap. tal-Ligijiet ta’Malta fejn jigi specifikat li l-artikolu 381 (1)(a) huwa limitat biss bl-ammont ta’ s-sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€ 698.81) fix-xahar.

Dan l-artikolu huwa applikabbli meta s-sekwestrarji ikunu l-employers u/jew dipartiment u ma hux applikabbli meta is-sekwestrarji ikunu il-banek. Dan ghaliex hekk kif flejjes jigu depozitati f’kont bankarju huma jigu meqjusa bhala depozitu kummercjali u b’hekk nonostante l-fatt li jistghu ikunu pensjoni/paga/allowance/ghajnuna, hekk kif jigu depositati huma jitilfu in-natura taghhom bhala tali u jigu meqjusa bhala depozitu bankarju;

L-esponenti jaghmlu referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif ippresjeduta, liema sentenza inghatat fit-2 ta’ Novembru 2011 – Avviz Nru 314/2011 – Mag JAB – fl-ismijiet ‘***Joseph Camilleri vs Jesmond Pulis u Lorry***

***Theuma'*** – fejn din l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati cahdet rikors simili ghal dak odjern u sostniet:

*Illi jidher li hu minnu li s-sekwestru ma sarx fuq il-pensjoni tar-rikorrenti li hu jircievi minn Gvern barrani izda fuq l-uniku kont bankarju li skond ir-rikorrenti, jipposjedi. Sfortunatament jidher li l-istess pensjoni tigi depositata direttament fl-istess kont u ghalhekk tigi soggetta ghall-mandat in esami. Minhabba f'hekk, ma hemm ebda raguni valida fil-ligi li a bazi taghha tista' tilqa' t-talbiet maghmulin mill-istess rikorrenti.*

Ara wkoll sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-27 ta' Marzu 2009 – Appell Civili Numru 406/2008 fl-ismijiet '***Tabib Principali tal-Gvern vs Hazel Pannel'*** fejn il-Qorti tal-Appell sostniet is-segwenti:

*'Terga', din il-kontroversja, qajla ticcentra fil-kwestjoni li l-Qorti ghandha quddiemha. L-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru kkolpixxa f'dan il-kaz il-kont bankarju ta' l-appellanti. Dak il-kont huwa awtonomu mill-fonti tal-flejjes depozitati fih u, allura, strettament l-Artikolu 381 tal-ligi ma jistax lanqas ikollu applikabilita'. Li kieku kellu jigi ragunat mod iehor ikun ifisser illi l-ebda mandat ta' sekwestru ma jkun jista' jigi servut f'idejn il-banek jew dan ikollu effett fejn il-kontijiet tad-debitur jkunu jikkonsistu minn depoziti ta' salarji, paga, pensjonijiet jew flejjes ohra ghal liema tipprovdi l-elenkazzjoni fil-predett artikolu. Dan certament mhux dak li tghid jew trid il-ligi tant li f'din l-istess elenkazzjoni mkien ma huma annoverati d-depoziti bankarji, hu x'inhu s-sors taghhom. Mhux lecitu, allura, li, kif esprimew id-decizjonijiet succitati, il-qaghda tas-sekwestru de quo tigi estiza oltre dawk l-ezenjonijiet partikolarment dettati f'dak l-artikolu. Isegwi anke minn dan illi dak akkampat mill-appellanti huwa sostanzjalment inaccettabbli u guridikament insostenibbli.*

Illi a bazi ta' dawn is-sentenzi ebda ordni ma tista tinghata minn din il-Qorti fil-konfront ta' dawk il-flejjes li kienu depozitati go kontijiet bankarji u li gew maqbuda bis-sekwestru de quo, nonostante l-fatt li setghu kienu pagi jew pensjoni. Dan anke fid-dawl ta' dak li qalet il-Qorti tal-

Appell (Sede Inferjuri) fis-27 ta' Marzu 2009 – Appell Civili Numru 406/2008 fl-ismijiet '***Tabib Principali tal-Gvern vs Hazel Pannel'*** fejn il-Qorti tal-Appell sostniet '*illi kull disposizzjoni singola prevvista mill-Artikolu 381 ma tistax tigi estiza oltre il-kazijiet f'dan l-istess artikolu espress'.*

3. Illi ghar-rigward tal-pensjoni li tircievi ir-rikorrenti Wendy Conti, jigi rrilevat li d-Dipartiment li johrog din il-pensjoni ma hux indikat bhala sekwestratarju u konsegwentament t-talba tar-rikorrenti Wendy Conti fir-rigward tal-pensjoni tar-romol hija wahda frivola u vessatorja stante li ma hemm ebda digriet tal-Qorti li jordna lid-dipartiment sabiex jissekwestra il-pensjoni ta' Wendy Conti. Dan il-fatt huwa evidenti mill-lista tas-sekwestratarji indikati fil-mandat de quo.

Infatti, gjaladarba id-dipartiment ma hux indikat bhala sekwestratarju, il-Qorti ma tista taghti ebda ordni fil-konfront ta' entita' li ma hiex indikata fl-istess mandat.

Semai r-rikorrenti Wendy Conti ghandha taghmel dak li hemm indikat fil-paragrafu wiehed (1) ta' din ir-risposta;

4. Illi ghar-rigward is-sekwestratarju Arriva Malta Limited, jerga jigi sottomess illi l-artikolu 381 (1)(a) huwa ikkwalifikat bl-artikolu 382 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta'Malta fejn jigi specifikat illi l-eskluzjoni hija limitata ghall-ammont ta' sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmi tal-Ewro (€ 698.81) fix-xahar.

Pero' jigi ribadit illi huwa is-sekwestratarju Arriva Malta Limited li ghandha tiddepozita biss l-ammont li jeccedi l-ammont ta' s-sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€ 698.81) stante li fil-mandat ma jistghux jinghataw struzzjonijiet lis-sekwestratarju fis-sens li jigi depozitat l-ammont in eccess ta' s-sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€ 698.81). Dawn l-istruzzjonijiet kellhom jinghataw mir-rikorrenti Silvio Zahra u l-esponenti sigurament ma kienux ser joholqu kwistjonijiet li kieku sehh dan. Ovvjament is-sekwestratarju Arriva Malta Limited ghandha taghti

rendikont tal-paga ta’ Silvio Zahra sabiex jigi stabbilit dak li ghandu jigi depozitat b’cedola il-Qorti.

Jigi rrilevat ukoll illi anke mill-kontenut tar-rikors promutur jirrizulta li r-rikorrenti Silvio Zahra sar jaf bil-mandat meta mar il-bank jigbed il-flus u mhux ghax is-socjeta’ Arriva Malta Limited informatu li kienet ser tiddepozitalu il-paga tieghu il-Qorti. Dan ifisser illi s-socjeta’ Arriva Malta Limited lanqas biss qed tosserva l-ordni ta’ din il-Qorti.

Fi kwalunkwe kaz l-esponenti ma ghandhomx diffikolta li mill-paga ta’ Silvio Zahra jigi depozitat l-ammont in eccess ta’ s-sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€ 698.81) fix-xahar, purche tali depozitu issir mill-Arriva Malta Limited b’cedola l-Qorti. Kwalunkwe ammont li jigi depozitat gewwa l-kontijiet bankarji ghadhom jibqghu kolpiti bil-mandat *de quo.*

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha fuq esposti it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha specjalment dak verbalizzat u ordnat waqt is-seduta tad-9 t’Awwissu, 2012 (fol 19 u 20 tal-istess atti) f’dik tas-27 t’Awwissu, 2012 (a fol 26 ibid) u f’dik tat-28 t’Awwissu, 2012 a fol 29 ibid.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi f’dan il-kaz, jirrisulta mill-atti illi:-

1. Fit-12 ta’ Lulju, 2012, l-intimati ottjenew il-hrug ta’ madat ta’ sekwestru numru 1890/2012 fil-konfront tar-rikorrenti u dan ghas-somma ta’ tlett elef ewro (€3000).

2. Bhala sekwestratarji, gew indikati diversi banek kif ukoll l-“employer” tar-rikorrenti, is-socjeta’ Arriva Malta Limited.

3. Bhala konsegwenza tal-esekuzzjoni tal-istess mandat minhabba s-sistema ta’ “direct credit” fil-kontijiet

bankarji rispettivi tar-rikorrent, il-pensjoni tar-romol li tircievi Wendy Conti, meta giet depositata bis-sistema msemmija, giet sekwestrata waqt li l-paga kollha dovuta lil Silvio Zahra, meta kompliet tigi depositata fil-kont bankarju tal-istess Silvio Zahra, anke wara l-esekuzzjoni tal-istess sekwestru, giet ukoll sekwestrata “in toto”.

4. Dwar il-paga ta’ Silvio Zahra, il-procedura uzata mil-“employer” tieghu certament kienet kontra l-ligi stante li wara li kien gie notifikat bis-sekwestru, l-istess employer kien obbligat li jiddepozita l-istess paga fir-Registru tal-Qorti hlief ghall-ammont ta’ s-sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) kif jinghad fl-artikolu 382, tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta’ Malta. Din is-sitwazzjoni giet rimedjata billi l-isess Qorti ordnat, kif jidher a fol 19 tal-atti ili l-“employer” jhallas direttament lil Silvio Zahra l-ammont ta’ s-sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) fix-xahar, ezentat mil-ligi waqt li l-bilanc tal-paga tigi depositata fir-Registratu tal-Qorti (ara wkoll fol 29 tal-istess atti.)

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-pensjoni tar-romol pagabbli lil Wendy Conti, ma inhareg l-ebda mandat ta’ sekwestru f’idejn id-Dipartiment involut.

Illi, premess kif di gja inghad li dan il-beneficcju qed jigi depositat fil-kont bankarju tal-istess rikorrenti, l-ammont depositat jidhol fl-assi generali taghha u ghalhekk, wara dan id-depositu jista’ jkun soggett skont il-ligi ghall-mandat ta’ sekwestru in esami flimkien ma’ flejjes ohra li jkunu depositati wkoll.

Illi ghalhekk it-talba in esami maghmula minn Wendy Conti ma tistax tigi akkolta.

**Ikkunsidrat**

Illi, dawr it-talba ta’ Silvio Zahra, din di gja giet deciza fl-istess procedura kif di gja gie premess.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti:

a. Tordna li dak li gja gie ordnat in rigward il-paga li tithallas lill-istess Silvio Zahra tibqa "in vigore" u li s-socjeta "Arriva Malta Limited" thallas lil-istess Silvio Zahra, direttament lilu, l-ammont ta' s-sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) fix-xahar ossia tlett mija, disgha u erbghin ewro, erbghin centezmu (€349.40) kull hmistax-il (15) jum.

b. Tichad it-talba in rigward Wendy Conti.

Dwar l-ispejjes, dawk in konnessjoni ma' Silvio Zahra ghandhom jithallsu mill-intimati waqt li dawk in konnessjoni ma' Wendy Conti jithallsu minn din ir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------